# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**DECIZJONI NRU. 1326**

Kaz Nru 1520

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Rennie Vella

u

Ideal Dwellings (Turnkey) Ltd.

Dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 6 t'Awissu, 2002

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK)

## INDTRODUZZZJONI

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 12 ta' Marzu, 2001 Ref. MSP/TI/18/2001, biex tigi processata skond il-Provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap.266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Appellant Rennie Vella kien assistit mill-Avukat John Refalo u ghall-Ideal Dwellings (Turnkey) Ltd., deher is-Mario Pickard assistit mill-avukat Ivan Gatt.

## DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAZ

Fl-istqarrija tal-kaz l-Appellant qal, li hu kien gie impjegat mal-Kumpanija Ideal Dwellings (Turnkey) Ltd. sa mis-17 ta' Settembru 1997, bhala accounts clerk u qatt ma ircieva twissija la bil-fomm u lanqas bil-miktub sakemm gie itterminat l-impieg tieghu fis-6 ta' Marzu 2001.

L-appellant ikompli jghid, li hu kellu zewg relazzjonijiet mas-Socjeta appellata dik ta' impjegat, kif ukoll relazzjoni ohra ta' negozju, peress li ghandhu kumpannija li tbiegh

prodotti tal-ikel u xorb u kien jissupplixxi prodotti lir-restaurnat li kien propjeta tal-kumpanija Ideal Dwellings (Trunkey) Ltd.

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ikompli jghid, li din ir-relazzjoni ta' negozju baqghet ghaddejja sa Frar 2001, sakemm beda jirrizulta li l-Kumpanija kienet qeghda taqa lura fil-pagamenti. Huwa jkompli jghid, li meta ra li l-ammont dovut beda jitla sew mar ikellem lis-Sur Mario Pickard, biex jara kif kien ser jithallas fejn gie mwieghed li kien se jithallas. Izda minflok li thallas beda jizdied aktar id-dejn. Huwa jkompli jghid, li rega mar ikellem lid-diretturi biex jara meta kien sejjer jithallas izda minflok li thallas gie infurmat li ir-restaurant kien ghamel telf u li xi hadd kellu jirrispondi ghal dak it-telf. Hu gie mistoqsi wkoll jekk kienx jaf xi haga dwar dan it-telf u qalulu wkoll li kienu ser isiru xi investigazzjonijiet interni.

Kien fil-5 ta' Marzu, fis-6.30 ta' fil-ghaxija li l-appellant gie nfurmat bit-telefon biex imur ghall-laqgha li kienet se ssir l-ufficju tal-Kumpanija, mieghu ha lill-missieru u meta mar sab prezenti lis-Sur Mario Pickard, is-Sur Tony Formosa u l-avukat Noel Bianco jistennewh. Barra l-ufficju kien hemm ukoll George Debattista li kien il-Kok tar-restaurant li baqa' barra mill-ufficju ghall-maggior parti tad-diskussjoni. L-appellant ikompli jghid, li matul il-laqgha tawh x'jifhem li kien qieghed jig kkunsidrat li kien responsabbli ghat-telf li kien sar fir-restaurant. Huwa jkompli jghid, li sarulu hafna mistoqsijiet b'ton naqra aggressiv u dan sar fin-nuqqas ta' xi assistenza ta' missieru li f'dak il-hin ma thallix jidhol ghall-laqgha izda dahal aktar tard. Lejn tmiem il-laqgha iddahhal George Debattista, il-kok li beda jgholli lehnu u jghajjat u ghamel qisu kien ser ihebb ghalih, fil-fatt il-Kok qabad u gholla l-mejda u qalibha fid-direzzjoni tal-appellant li minn naha tieghu ghamel reazzjoni billi mbotta b'idjeh lill-Kok. Peress li qam xi storbju u ghajjat intervejna is-Sur Pickard li talab lill-appellant johrog mill-kamra inkella jitlef xogholu. L-appellant hareg il-barra u l-laqgha spiccat hemm.

L-ghada l-appellant mar ghax-xoghol normali u f'xi hin wara nofs inhar rcieva messag li is-Sur Mario Fenech, direttur tal-Kumpanija ried ikellmu u wara li ltaqgha mieghu gie infurmat li minhabba dak li nqala il-gurnata ta' qabel kien hemm decizjoni mid-diretturi li jitterminawlu l-impieg.

Fi tmiem ta' l-istqarrija tal-kaz, l-appellant isostni li ma kien hemm l-ebda raguni serja, vera u plawsibbli ghat-tkeccija tieghu mill-impieg ghajr li l-kumpanija appellata riedet taghmel minn kollox biex tehles minnhu ghal ragunijiet li ma kellhomx u m'ghandhomx x'jaqasmu xejn mal-kondotta tal-appellant waqt li kien impjegat maghha.

Fl-istqarrija tal-kaz is-Socjeta' intimata tghid, li l-Kumpanija ghandha f'idejha restaurant li tmexxiha bl-impjegati taghha. L-appellant kien impjegat mal-Kumpanija originarjament bhal Accounts Clerk u sussegwentement dahal fis-Sales Department, liema dipartiment kien distint u separat mit-tmexxija tar-restaurant.

Is-Socjeta tkompli tghid, li l-appellant kien jahdem bhala part-time ghax ghandhu hanut, ossia bazaar fejn wkoll ibiegh oggetti ta' ikel u xorb u bi ftehim u arrngament mal-Kumpanija beda jissuplixxi provisti ta' ikel u anke xorb. Hija tghid li kienet kuntenta b'din is-sitwazzjoni billi ppreferiet taghmel negozju ma persuna li kienet tafda milli ma persuni ohrajn li ma kellhom ebda konnessjoni mal-Kumpanija. Ibbazata fuq tali relazzjoni, il-Kumpanija kellha certa fiducja fl-appellant.

Is-socjeta tkompli tghid, li wara diversi xhur fit-tmexxija tar-restaurant, il-Kumpanija bdiet tinduna li kien hemm ammont ta' diskrepanzi fl-istocks tar-restaurant u fl-accounts. Il-Kumpanija hasset il-bzonn u fil-fatt qabbdet awdituri biex jivestigaw dawn id-diskrepanzi u waqt dawn l-investigazzjonijiet inzammet laqgha ma l-appellanti fejn sarulu diversi mistoqsijiet dwar il-bejgh u xiri ta' provisti ta' ikel minn ghandu. Din il-laqgha inzammet waqt il-hin normali tax-xoghol u nzammet fl-ufficju ta' l-istess kumpanija. Il-Kumpanija tkompli tghid, li waqt din il-laqgha l-appellant kien aggressiv u sahansitra refa idejh fuq George Debattista impjegat iehor tal-Kumpanija, li kien prezenti waqt il-laqgha u fl-agitazzjoni laqghat ukoll lill Noel Bianco.

Is-socjeta tkompli tghid, li wara li d-diretturi qisu ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ma setghux hlief jiddeciedu li jitterminawlhu l-impieg. Hija tkompli tghid, li l-insubordinazzjoni u sahansitra anki l-aggressjoni u l-vjolenza hija haga intollerabbli u inaccettabli, apparti implikazzjonijiet ohra  u dawn certament juggustifikaw it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant.

PROVI

Matul it-trattazzjoni tal-kaz, it-Tribunal Industrijali ezamina diversi xiehda u dokumenti relevanti dwar il-kaz inkwestjoni. Mill-provi jirrizulta, li l-kaz inkwestjoni li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant kien, li meta waqt laqgha ta' investigazzjoni li kienet qed issir mill-management biex jigi stabilit ta' x'kien il-kagun tat-telf li kien qed isofri ir-restaurant, kien hemm argument shun u kuntatt fiziku bejn l-appellant u George Debattista li kien l-kok tar-restaurant.

Dan jirrizulta mix-xhieda tas-Sur Mario Pickard direttur tal-Kumpanija. Fejn fix-xhieda tieghu, ghal mistoqsija ta' l-avukat ta' l-appellant li staqsih "Sur Pickard, ir-raguni ezattament ghalfejn keccejthu lil Rennie, x'kienet?" ix-xhud (is-Sur Pickard) wiegeb "Minhabba l-accident li gara. U ghax kien diga warned". L-avukat ta' l-Appellant kompla jistaqsi "Cioe ir-raguni l-ghala keccejtuh tal-glieda li nqalghet ?" u ix-xhud (is-Sur Pickard) wiegeb "tal-glieda li nqalghet".

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-laqgha li saret fl-ufficcju tal-management kienet wahda kemxjen argumentattiva kif xehed l-istess Direttur is-Sur Mario Pickard fejn qal "Rennie gholla lehnu, sikkietnih, rega' gholla lehnu, resaq vicin ta' George, u rega pogga bil-qeghda lura. Jien (is-Sur Pickard) dort fuq l-ohrajn, ghidtilhom biex fil-kaz iwaqqfu l-laqgha minhabba din il-problema u f'mumnet inghadda xi kumment bejniethom. Li George gholla qisu four, six inches il-mejda fuq kummnet ta' Rennie u f'daqqa wahda gew fl-idejn. Gew Rennie u George. Rennie tah daqqa li George u fl-istess hin laqat lil Dr. Noel Bianco ukoll"

It-Tribunal Industrijali ezamina wkoll ix-xhieda ta' Dr Noel Bianco fejn xehed "Jiena qlajt daqqa ta' ponn go u kissruli n-nuccali u l-arlogg jigifieri. Pero meta mort biex niffridhom – pero ma kienx Rennie".

KUNSIDERAZZJOIJIET

It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra, li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant saret skond id-dikjarazzjoni li ghamlet il-Kumpanija permezz tad-direttur

taghha waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz, minhabba l-incident li inqala bejn l-appellant u George Debattista waqt laqgha ta' investigazzjoni li saret fl'ufficju tal-Kumpanija nhar il-5 ta' Marzu 2001.

F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali evalwa wkoll diversi xiehda u provi dwar l-andament ta' din il-laqgha fejn jirrizulta, li kienet wahda argumentattiva izda jirrizulta wkoll li kien hemm xhieda konflingenti ta' min beda l-argument li wassal biex intlaqghtet terza persuna. Mix-xhieda jirrizulta wkoll li skond Dr Bianco(il-persuna midruba), ma kienx l-appellant li tah daqqa ta' ponn.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li mill-provi lanqas jirrizulta li l-appellant hebb ghall-George Debattista, izda skond ix-xhieda tad-direttur dawn gew fl'idejn wara li George Debattista gholla l-mejda. Ghaldaqstant, mill-provi migjuba quddiem it-Tribunal Industrijali ma jirrizultax li l-appellant kien l-aggessur fl-incident li nqala u li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu.

KONKLUZZJONI

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-iStatments of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti. Sema u evalwa x-xhieda prodotta, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, it-Tribunal Industrijali jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol billi jiddikjara li ma giex ippruvat li l-appellant kien hati u ghaldaqstant it-tkeccija mill-impieg tieghu hija wahda ingusta.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li it-Tribunal Industrijali ha l-kunsiderazzjonijiet kollha tal-kaz jiddeciedi li jilqa' it-talba ta' l-appellant u jinghata kumpess ta' LM 1500 ( elf u hames mitt lira Maltija) liema kumpenss ghandu jkopri wkoll hlasijiet li huma dovuti lilhu mill-kumpanija u li jkopru xi differenzi tal-pagi li kellu, il-bonus, weekly allowance u leave sa 1 ta' Marzu 2001. Dan il-Kumpenss ghandu jithallas mill-Kumpanija lill-appellant sa nhar il-Gimgha 6 ta' Settembru, 2002.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz legali Numru 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' LM40(erbghin lira Maltin).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-Xoghol.

Harold Walls
Chairman

Vince Micallef
Segretarju